Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 55/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**CURTIS BAKOUSH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Curtis Bakoush ta’ 19-il sena, bin Ali Abdullah Omer u Jane nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-28 ta’ Lulju, 1989, residenti fil-fond numru 102, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ li ggib in-numru 340689M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

**1.** Talli nhar l-20 ta' Jannar, 2008, ghall-habta tat-2.45am, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' plasma television tal-marka Tatung LCD li l-valur tieghu mhux izjed minn EURO2329.37 (Lm1,000.00), minn gewwa l-fond B Bar li jinsab fil-kumpless Embassy fi Triq Santa Lucija, u dan ghad-dannu ta' Jason Tabone, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, u l-hin;

**2.** U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara li ma tiskorrix EURO1,164.68 (Lm500.00), izda izjed minn EURO116.46 (Lm50.00), b'diversi bibien u aperturi gewwa l-kumpless Embassy ghad-dannu ta' diversi sidien ta' hwienet.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Curtis Bakoush hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, sospizi ghal sentejn (2), taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation Services, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------